MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1923/2004

**Anthony Bernard noe**

**Vs**

**Raca Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm632.25 (sitt mija u tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) dovuti ghal servizzi resi ta’ reklamar.

Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-25 ta' Ottubru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fit-22 ta' Novembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------